C/2025/3137

5.6.2025

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika, f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2025/3137)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Isla de Menorca / Illa de Menorca"

PGI-ES-A0870-AM02 — 10.3.2025

1. **Isem il-prodott**

Isla de Menorca

Illa de Menorca

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ DOP

☒ IĠP

☐ IĠ

3. **Settur**

☐ prodotti agrikoli

☒ inbejjed

☐ xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż terz li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Spanja

5. **Isem tal-awtoritajiet ta' pajjiż terz jew tal-grupp ta' produtturi stabbilit jew residenti f'pajjiż terz li jikkomunika l-emenda standard lill-Kummissjoni**

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, l-Ikel u l-Ambjent

Id-Direttorat Ġenerali għall-Industrija tal-Ikel

Is-Sottodirettorat Ġenerali għall-Kwalità Distintiva u l-Agrikoltura Organika.

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

Raġuni:

Il-varjetajiet Garnacha blanca u Garnacha tinta ġew inklużi bħala varjetajiet xierqa għall-produzzjoni tal-IĠP Isla de Menorca minħabba l-prestiġju li se jġibu għall-inbejjed tal-IĠP. Din ir-reputazzjoni hija ġġustifikata mir-rikonoxximenti u l-premjijiet miksuba mill-inbejjed prodotti minn dawn il-varjetajiet. Barra minn hekk, l-inklużjoni tagħhom għandha impatt ekonomiku pożittiv fuq il-kantini tal-inbid irreġistrati.

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

INKLUŻJONI TA' VARJETAJIET ĠODDA.

Deskrizzjoni:

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

Il-varjetajiet Garnacha blanca u Garnacha tinta żdiedu bħala varjetajiet tal-għeneb tal-inbid abjad u aħmar, rispettivament.

It-Taqsima 6 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u t-Taqsima 7 tad-Dokument Uniku ġew emendati.

Dan jikkorrispondi għal emenda standard skont it-tifsira tal-Artikolu 24 tar-Regolament 2024/1143, peress li: ma jinkludix bidla fl-isem jew fl-użu tal-isem jew tal-kategorija ta' prodotti dežinjati mill-indikazzjoni ġeografika, ma jaffettwax ir-rabta u ma jinvolvix restrizzjonijiet ġodda fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/Ismijiet (ta' Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti (DOP) jew ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti (IĠP))**

Isla de Menorca

Illa de Menorca

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika:**

IĠP

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dielja kif elenkati fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

1. Inbid

3.1. *Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda*

— 22 — XARBIET, SPIRTI U ĦALL

2204 — Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb, għajr dak tal-intestatura 2009

4. **Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed**

1. *Inbid aħmar u rożè*

DESKRIZZJONI QASIRA

Inbid aħmar: aħmar lewn iċ-ċirasa, jgħajjat. Fil-ħalq huwa mellies, b'korporatura medja, strutturat tajjeb u bbilanċjat.

Inbid rożè: ileqq, aħmar lewn iċ-ċirasa, u żejtni fil-palat. Għandu aromi ta' frott aħmar (għanbaqar u frawli), ta' intensità medja u b'persistenza retronażali għolja.

* Għall-inbejjed b'kontenut ta' zokkor ≤ 5 g/l (glukożju + fruttożju), il-kontenut tad-diossidu tal-kubrit huwa ≤ 150 mg/l għall-inbejjed ħomor u ≤ 200 mg/l għall-inbejjed rożè; jekk il-kontenut taz-zokkor ikun > 5 g/l, il-kontenut tad-diossidu tal-kubrit ikun ≤ 200 mg/l għall-inbejjed ħomor u ≤ 250 mg/l għall-inbejjed rożè.

* Għall-inbejjed immaturati, l-aċidità volatili massima tkun ta' 14,33 mEq/l; żieda ta' 1 mEq/l għal kull grad ta' qawwa alkoħolika ta' aktar minn 11 %.

* Għal-limiti li ma ġewx speċifikati, trid tiġi mħarsa l-leġiżlazzjoni tal-UE fis-seħħ.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum): 12

— Aċidità totali minima: 4,5 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): 13,33

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

2. *Inbid abjad*

DESKRIZZJONI QASIRA

Inbejjed ta' lewn isfar ċar jgħajjat għal isfar dehbi bi sfumaturi ħodor. Għandhom togħma bnina, u ta' frott, huma friski, xotti u ta' intensità u persistenza għolja.

* Għall-inbejjed b'kontenut ta' zokkor ≤ 5 g/l (glukożju + fruttożju), il-kontenut tad-diossidu tal-kubrit huwa ≤ 200 mg/l; jekk il-kontenut taz-zokkor ikun > 5 g/l, il-kontenut ta' kubrit ikun ≤ 250 mg/l.

* Għall-inbejjed immaturati, l-aċidità volatili massima tkun ta' 14,33 mEq/l; żieda ta' 1 mEq/l għal kull grad ta' qawwa alkoħolika ta' aktar minn 11 %.

* Għal-limiti li ma ġewx speċifikati, trid tiġi mħarsa l-leġiżlazzjoni tal-UE fis-seħħ.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum): 11,5

— Aċidità totali minima: 4,5 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): 13,33

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew l-inbejjed u r-restrizzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni tagħhom*

1.

Restrizzjoni rilevanti fuq il-produzzjoni tal-inbejjed

Għandhom jiġu applikati pressjonijiet xierqa biex jiġi estratt il-most jew l-inbid u jiġi sseparat mill-karfa tal-għeneb magħsur. Ir-rendiment irid ikun ta' < 70 l ta' nbid għal kull 100 kg ta' għeneb.

Il-limitu f'litri ta' nbid għal kull 100 kg ta' għeneb jista' jiġi emendat meta ġustifikat u awtorizzat mill-Kunsill tal-Gżira ta' Menorca (CIM, Consejo Insular de Menorca), fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba tal-partijiet interessati. Il-bidla trid issir qabel il-qtugħ bil-kontrolli meħtieġa u ma tistax taqbeż l-74 litru ta' nbid għal kull 100 kg ta' għeneb.

2.

Prattika tal-kultivazzjoni

Il-kultivazzjoni għandha ssir f'forma ta' sġajriet jew permezz tat-tħarriġ ma' kannizzata.

5.2. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

1.

8 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

2.

56 ettolitru għal kull ettaru

6. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika demarkata**

Iż-żona tal-produzzjoni tal-għeneb u tal-inbid eliġibbli għat-terminu Illa de Menorca / Isla de Menorca, tinkludi l-muniċipalitajiet kollha fil-gżira ta' Menorca.

7. **Indikazzjoni tal-varjetà jew tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li minnhom jiġi prodott l-inbid jew jiġu prodotti l-inbejjed**

CABERNET SAUVIGNON

CHARDONNAY

GARNACHA BLANCA

GARNACHA TINTA

MACABEO - VIURA

MALVASIA AROMÁTICA - MALVASÍA DE BANYALBUFAR

MERLOT

MOLL - PENSAL BLANCA

MONASTRELL

MOSCATEL DE ALEJANDRÍA

PARELLADA

SYRAH

TEMPRANILLO

8. **Rabta maż-żona ġeografika**

Ir-rabta hija bbażata fuq ir-reputazzjoni miksuba malajr fis-suq, li hija riflessa fil-bejgħ domestiku u internazzjonali, meta jitqies il-fatt li l-era l-ġdida tal-inbid Menorca bdiet madwar 25 sena ilu.

Bejgħ: 88,49 % fil-Gżejjer Baleariċi, 7 % fil-bqija ta' Spanja, 0,23 % fl-UE, 2,25 % fl-Amerka, 2,03 % fiċ-Ċina.

Ir-reputazzjoni attwali tal-inbid kopert mill-IĠ "VTIM" hija dovuta għat-tip ta' varjetajiet ta' għeneb imkabbrin, li għalkemm huma tradizzjonali, ġew ikkaratterizzati ħafna mill-ħamrija kalkarja u siliċuża, baxxa u maqsuma. Id-dwieli tal-għeneb, milquta mir-riħ tat-Tramuntana li jġib miegħu l-mikroelementi, huma partikolarment reżiljenti u għandhom rendimenti baxxi li rari jilħqu l-2 000 kg/ha.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit ieħor:

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Il-prodotti kollha eliġibbli għat-terminu Illa de Menorca / Isla de Menorca, għandu jkollhom fuqhom tikketti b'numru ta' kontroll uffiċjali assenjat mill-Kunsill tal-Gżira ta' Menorca.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://www.caib.es/sites/qualitatagroalimentaria/ca/vi_de_la_terra_illa_de_menorca-46262/